MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Numru 624/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
**V**

**OSAMA MABRUK JALLALA**

Rat li l-imputat **OSAMA MABRUK JALLALA** ta' wiehed u tletin sena bin Jallala u Fatima Ibrahim, imwieled Tripoli, nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 1973 u residenti 38, Triq Cuschieri, Gzira, detentur tal-karta ta' passaport Libjan numru 178164 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fl-ewwel ta' Awissu 2004, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu f'San Giljan, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Esdin Muftih Swejjah ta' nazzjonalita Libjana, f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' dan d-delitt billi ta daqqiet bi strument li jaqta jew iniggez f'partijiet vitali tal-

gisem tal-imsemmi Esdin Muftih Swejjah, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'permezz ta' strument li jaqta jew iniggez, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Esdin Muftih Swejjah, liema offizi igibu sfregju gravi u permanenti fl-ghonq tal-imsemmi Esdin Muftih Swejjah;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kif wkoll fil-jiem ta' qabel din d-data, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Talli fl-istes data, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser voluntarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2005 [fol 143] sabiex din l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, fejn l-allura akkuza originali t'attentat ta' omicidju giet ridotta ghal akkuza ta' ferita ta' natura gravi.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar s-sittax ta' Marzu 2005 [fol 145].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Michael Mallia nhar t-tlettax ta' Awissu 2004 [fol 49 et seq].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Mejju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tlieta ta' Awissu 2004, fil-presentata, xehed l-allegat vittma Esdin Muftih Swejjah** [fol 10] fejn qal li s-Sibt ta' qabel, bejn s-Sibt w il-Hadd, hu kien mar l-Havana f'Paceville u meta hareg minn dan l-istabbliment u kien sejjer lejn l-Wembley Garage, ghall-habta tat-tlieta w kwart ta' filghodu, proprju hdejn t-traffic lights iltaqa ma l-imputat, li gharaf presenti fl-awla. Flimkien mieghu kien hemm xi hadd ghadu zghir b'beritta hamra, li ma kienx jaf ismu, pero ta' nazzjonalita Gharbija u zewgt irgiel ohra minn Benghazi. Qal li hu rahom jitkellmu u jiggieldu u mar biex jferraqhom. Dak l-hin, r-ragel tal-beritta l-hamra qabad flixkun tal-lager u tefghu fid-direzzjoni ta' wiehed minn dawk iz-zewgt irgiel minn Benghazi u hu mar, qabad lil dak r-ragel tal-beritta l-hamra minn spallejh u staqsieh ghalfejn kien ghamel hekk. Qal li wara mar hdejn l-imputat u qallu biex joqghod bi kwietu. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat ghamel mossa lejn ghonqu u ghamillu ferita f'ghonqu. Fl-istess hin pero jghid li hu ma ra ebda sikkina jew mus f'idejn l-imputat u wara waqa mal-art. Ix-xhud qal li l-imputat biss kien messu f'ghonqu minn dawk in-nies li kien hemm u d-daqqa kien tahielu malajr. Qal li qabel ma tah d-daqqa idejh kienu mnizzllin 'l isfel u li wara li tah d-daqqa ma kienx jaf x'ghamel b'idejh l-imputat. Qal li meta l-imputat tah d-daqqa, r-ragel qasir tal-beritta hamra, kien hdejn l-imputat. Qal li dan r-ragel kien jasallu sa sidru jigifieri twil madwar erbgha jew hames piedi. Qal li minn dawk z-zewgt irgiel minn Benghazi, hu kien jaf wiehed minnhom jismu Esam, li kien jghix fi Franza u li kien jigi Malta ghal btala. Qal li ma jafx jekk dan Esam jafx lil imputat u lanqas kien jaf fuq x'hiex kienu qed jiggieldu dakinhar. Qal li kienu hemmhekk jitghajjru u joffendu lil xulxin bil-genituri taghhom. Ix-xhud stqarr li fl-ebda hin ma rahom jsawwtu lil imputat jew li ra lil imputat isawwat lilhom. Ix-xhud ikkonferma li hu ma sawwtux lil imputat, anzi zied jghid li hu ma sawwat lil hadd. Qal li lir-ragel il-qasir tal-beritta l-hamra ma ralu xejn f'idejh hlief il-flixkun tal-birra.

In kontro ezami l-allegata vittma qal li lil imputat jafu pero ma kienux hbieb u qatt ma hargu jixorbu flimkien. Kien jarah fit-triq u jsellimlu. Qatt ma kellhom argumenti bejniethom. Ikkonferma li lil Osama qabel l-incident rah bil-wieqfa ma dawk t-tnejn minn Benghazi u ma kienux qed jaghtu bil-ponn. Kull ma sema' kien li kienu qed joffendu lil xulxin u joffendu lir-ragel l-qasir. Qal li ma kienux qed jghajjtu hafna, kienu qed jitkellmu. Qal li l-imputat qallu biex jitlaq u tefgha idejh t-tnejn fid-direzzjoni tieghu pero ma waqqghux dak l-hin. Qal li dan kien irrabbjat u ghamel ghalih, u meta hu mess ghonqu sab d-demm. Qal li Osama l-imputat huwa twil hafna u x'hin ghamel idejh fid-direzzjoni tieghu ghamilhom fid-direzzjoni ta' ghonqu. Qal li dan ghandu idejh kbar ghalkemm ma harisx lejn idejh. Ma kienx jaf jekk idejh kienux f'ponn maghluq jew miftuh u li hu haseb li dan kien ser jimbuttah u mhux jaghtih xi daqqa ta' ponn. Qal li wiehed minn dawk ta' Benghazi jismu Esam telaq ‘l hinn u baqa sejjer. Qal li meta qabel kien l-Havana kien wahdu u xorob birra u kien f'sensih, ma kienx fis-sakra, kien jiftakar kollox.

Illi **nhar t-tlieta ta' Awissu 2004, dakinhar tal-presentata wkoll, xehed Osama Almahdi Banour** [fol 13] fejn qal li hu kien ilu Malta sitta w ghoxrin jum. Qal li bejn s-Sibt w l-Hadd ta' qabel, hu kien Paceville mat-tfajla tieghu u mal-imputat u hadu drink f'hanut hemmhekk. Qal li wara telqu 'l fuq, qadu bil-qeghda hu, t-tfajla tieghu u l-imputat jixorbu u kien hemm xi tnejn li ma kienx jafhom, li kien iltaqa maghhom l-ewwel darba, li kienu hbieb tal-imputat. Qal li kienu ser imorru x'imkien hdejn il-bahar hu, l-imputat w t-tfajla tieghu u l-imputat cemplet lit-tfajla tieghu u giet ghalih. Qal li din kienet habiba taghhom. Qamu u marru lura hdejn il-hanut fejn kienu qabel u waqt li l-imputat kien hdejn il-hanut flimkien ma habib tieghu li kellu beritta hamra, telghu erbgha minn nies ta' nazzjonalita Gharbija 'l fuq u qadu jitkellmu mal-imputat, filwaqt li hu u t-tfajla tieghu kien ftit boghod minnhom. Qal li hu ma setghax jisma x'kienu qed jghidu peress li kien ftit boghod minnhom, pero ma kienux qed jiggieldu. Qal li dak li kien qed jitkellem mal-imputat imbaghad telaq jigri u dak li kien liebes beritta hamra mar jigri warajh u tefgha flixkun tal-birra. Qal li ma kienx jaf lil min tefghu, semghu

biss jinkiser. Qal li waqt li l-imputat kien ghadu hemmhekk, marru tlieta jew erbgha minn nies fuqu u bdew jitkellmu u riedu jkunu jafu x'kien gara u ra ragel, wiehed minn dawk li kienu qed jitkellmu mal-imputat, jaqa fit-triq. Qal li ma ra xejn f'idejn l-imputat u ma ghamel xejn hlief li qalilhom biex jhalluh. Qal li meta dan r-ragel mess lil vittma, l-imputat kien bil-wieqfa u l-vittma mexa tlett metri jew erbgha u waqa. Qal li meta waqa dan r-ragel kellu d-demm f'ghonqu. Ix-xhud qal li wara li dak r-ragel waqa, l-imputat u tal-beritta l-hamra imxew fejn kienu qed jixorbu huma. Qal li lil Gharab l-ohra hu ma rahomx. Qal li wara gew xi nies u bdew jghajtu peress li dak r-ragel kellu d-demm u hu qal lit-tfajla tieghu biex iccempel l-ambulanza u din hekk ghamlet. Anke n-nies li gew bdew icemplu ghal ambulanza. Qal li wara t-tfajla tal-imputat marret hdejn l-ferut u bdiet izzommlu d-demm minn ghonqu u gew l-Pulizija. Spjega li tfajla tal-imputat wara gabet flixkun ilma u bdiet tahsel idejn t-tfajla tal-imputat, pero l-imputat u hbiebu ma regghux lura fuq il-post u hu telaq lura d-dar u halla lit-tfajla tal-imputat hdejn il-hanut. Qal li dak li kien liebes beritta hamra hu ma kienx jafu. Lanqas lil Gharab l-ohra u lil vittma ma kien jaf.

In kontro ezami, ix-xhud qal li lil imputat kien ilu jafu xi erbgha xhur u nofs jew hamsa. Qal li hu ragel kwiet hafna u l-Maltin jhobbuh. Qal li meta l-imputat ghamel dik l-mossa b'idejh, hu hareg idejh 'l quddiem u dawk in-nies bdew jwarrbuhom minn nofs. Qal li l-imputat huwa twil u ghalhekk setgha jarahlu idejh li kienu miftuhin u li ma kien qed isawwat lil hadd bil-ponn. Qal li r-ragel li waqa kien liebes T shirt abjad, zarbun ahmar u shorts. Qal li l-imputat tela' t-telgha miexi bil-mod mhux mghaggel, ma rahx jahrab minn fuq il-post. Qal li sakemm, telaq minn fuq il-post hu, l-imputat ma kienx rah aktar u ma kienx jaf fejn mar.

Illi **nhar is-sitta ta' Awissu 2004 xehdet Michelle Soltani** [fol 18] u preliminarjament stqarret li l-imputat presenti fl-awla hu l-gharus taghha. Qalet li s-Sibt ta' qabel, waqt li hi kienet Ta' Qali fil-kumpanija ta' habiba taghha certa Helen ta' nazzjonalita ex jugoslava, l-imputat

kien cemplilha biex jghidilha li ma setghax isib c-cwievet tad-dar u staqsiha jekk setghetx tmur San Giljan. Hi qaltlu li setghet tmur u meta waslet San Giljan, ipparkjat il-vettura bejn zewgt ihwienet fi Triq San Gorg, San Giljan, fejn sabet lil imputat li kien fil-kumpanija ta' zewg persuni ta' nazzjonalita Gharbija u zewg tfajliet maltin. Qalet li wara li qaghdu jitkellmu ghal xi hin, iddecidew li jmorru l-Havana ghal kumplament tas-serata. Spjegat li f'xi hin inqala argument bejn wahda mit-tfajliet maltin u ragel ta' nazzjonalita Gharbija, li ma kienitx taf ismu, rigward l-habiba taghha Helen w ghalhekk hi, l-gharus taghha, Helen, Osama El Mahdi Banour (ragel iehor ta' nazzjonalita Gharbija) u tfajla ohra Maltija ddecidew li jhallu lil dawk t-tnejn jargumentaw bejniethom u jitilqu. Qalet li l-habiba taghha Helen kienet qisu hadet daqsxejn ghaliha minhabba dak l-argument u ghalhekk talbu taxi biex imorru lejn d-dar.

Imxew lejn l-Wembley's Garage u hi rritornat lura hdejn hbiebha fejn sabet lil imputat, lil Osama El Mahdi Banour, flimkien ma erbgha persuni ohra ta' nazzjonalita Gharbija li kienu ghadhom jargumentaw u jitkellmu hazin bil-lingwa Gharbija. Mistoqsija mill-Qorti jekk hi tafx l-lingwa Gharbija ix-xhud wiegbet li taf xi ftit t-Tunezin u setghet tinduna li kienu qed joffendu lil xulxin fil-lingwa Tunezina. Qalet li hi qaghdet hemmhekk tosserva lil Osama El Mahdi Banour jargumenta. Qalet li Osama El Mahdi Banour kien quddiemha u l-irgiel l-ohra kienu b'wicchom lejha u nnutat li l-argument kien donnu qed jishon, ghalkemm sa dak l-hin ma kienux ghadhom gew fl-idejn. Qalet li ragel minnhom ta' nazzjonalita Gharbija kien liebes speci ta' beritta bajda u deher li kien interessat li jaqbad glieda mal-gharus taghha. F'daqqa wahda r-ragel li kien liebes l-beritta bajda harab jigri u r-ragel li kien ferut u ragel iehor li kien liebes beritta hamra kienu qeghdin fl'idejn b'dan li r-ragel l-iehor li kien liebes beritta hamra kien qed jzomm lil ferut b'certa herra u bejniethom kien ghaddej kliem offensiv u l-ferut telaq jigri fid-direzzjoni tal-bank hdejn t-traffic lights. Qalet li l-qalziet tieghu kien imnizzel, l-mobile phone tieghu kien hariglu mill-but u kien mitfugh mal-art u f'daqqa wahda waqa lura ghal rasu. Qalet li tahseb li kien habat rasu ghaliex ma ratux jerga

jqum fuq saqajh u meta ressqet lejh rat li kellu demm hiereg minn ghonqu. Qalet li hija taf timmedika peress li kienet hadmet ta' nurse fl-Ingilterra u ghalhekk bdiet timmedikah billi bdiet tghafas fuq il-ferita biex tikkontrolla d-demm hiereg waqt li qaghdet titkellem mieghu. Qalet li dan ma ntilifx minn sensih pero kellu xokk kbir fuqu ghalkemm beda jirrispondiha meta tkellmu. Staqsiet lil mara li kienet vicin taghha biex iccempel ghal ambulanza u lil ragel iehor li wkoll kien vicin biex igibilha bicca carruta u fil-fatt hekk ghamel u biha bdiet izzomm d-demm fuq il-ferita li kellu. Qalet li qabel ma bdiet taghti l-ewwel ghajnuna lil ferut, l-gharus taghha kien fil-kantuniera u kkonfermat li meta l-ferut waqa mal-art, l-gharus taghha kien warajha. Indikat li hi kienet bil-wieqfa hdejn l-istabbiliment 'Hole in the Wall' fi Triq San Gorg u warajha kien hemm Osama El Mahdi Banour u t-tfajla tieghu. Fuq in-naha l-ohra kien hemm l-gharus taghha, r-ragel iehor li kien liebes beritta hamra, ragel iehor ta' nazzjonalita Gharbija li kien liebes l-ispeci ta' beritta bajda u tlett persuni ohra li wiehed minnhom kien il-persuna feruta. Qalet li hi rat lil ferut jissara mar-ragel li kien liebes beritta hamra. Kompliet tghid li l-ferut kien bil-wieqfa bejn l-gharus taghha u r-ragel li kien liebes beritta hamra. Huma kienu mexjin biex jaqsmu t-triq. Mistoqsija jekk ratx lil ferut jitkellem mal-gharus taghha, ix-xhud rrispondiet li ratu u rat wkoll lir-ragel li kien liebes beritta hamra jitkellem mieghu wkoll. Qalet li semghet lil gharus taghha jghid bl-herra lil ferut '*barra imxi*'. Mistoqsija jekk kienitx il-hin kollu thares lejn l-gharus taghha l-imputat, sakemm kienet qed iddewwi lil ferut, ix-xhud wiegbet li mhux il-hin kollu ratu peress li kienet darha lejh. Qalet li kif spiccat timmedika lil ferut, hi marret hdejn Osama El Mahdi Banour li kien mat-tfajla tieghu u marret fl-istabbiliment Hole in the Wall biex iggib flixkun ilma biex titnaddaf mid-demm u t-tfajla ta' Osama qaghdet tghinha. Qalet li wara l-gharus taghha mar hdejha w imxew 'l fuq flimkien ma Osama El Mahdi Banour li kien mat-tfajla tieghu, dahlu f'karozza, telqu lejn d-dar, ipparkjaw il-karozza u dahlu d-dar. Qalet li l-gharus taghha ma tantx kien jiflah. Sussegwentement hi cemplet l-isptar sabiex tara kif kien baqa l-ferut. Qalet li hi kellha attakk t'asthma, talbet lil gharus igibilha l-inhaler minn isfel u dahlu jorqdu.

Mistoqsija jekk tkellimitx mal-gharus taghha fuq l-incident, wiegbet li ma tkellmux per se fuq l-incident u qatt ma mmaginat li setgha jkun involut fih, ghalkemm rat lil gharus taghha involut f'argument ma hafna nies. Ikkonfermat li l-gharus taghha qalilha li kien gie nsulentat mir-ragel ta' nazzjonalita Gharbija kien liebes speci ta' beritta bajda u li kien xurban u li dan kien qallu xi haga fuq ommu. Qalet li fl-ebda hin ma l-gharus taghha kien aggressiv u qatt ma ghamel xi referenza ghal ferita li kellu l-vittma. Waqt l-argument, kompliet tghix x-xhud, hi qaghdet il-hin kollu thares lejn l-gharus taghha u li fl-ebda hin ma ratu jaghmel xi haga fil-konfront tal-ferut, kien qed jitkellem biss u jiggestikola b'idejh biss. Qalet li l-imputat qatt ma qalilha xejn li kien ghamel. Ziedet tghid li l-gharus taghha kien jafhom lil persuni l-ohra li kienu minn Benghasi. Sa fejn taf hi l-argument beda meta r-ragel ta' nazzjonalita Gharbija li kien liebes beritta bajda insulenta lil gharus taghha b'ommu u l-iehor ipprova jwaqqaf l-argument milli jkompli jghid. Qalet li hi kienet ghamlet ghaxar snin mizzewwga lil ragel ta' nazzjonalita Gharbija. Qalet li hi mhux lil ferut rat, izda lir-ragel l-iehor ta' nazzjonalita Gharbija kien liebes beritta bajda jdawwar rasu u skond ma kienet taf hi, fil-kultura Gharbija, dak jfisser li ried li l-argument jibqa sejjer. Qalet li r-ragel li kien liebes beritta hamra kien qed jinzamm minn idejh mill-ferut u mir-ragel l-iehor ta' nazzjonalita Gharbija li kien liebes beritta bajda u li l-ferut xejn ma kien aggressiv.

In kontr'ezami ix-xhud regghet ikkonfermat li hi kienet qed thares il-hin kollu lejn l-gharus taghha li kien bil-wieqfa fuq in-naha l-ohra tat-triq. Qalet li l-gharus taghha kien sebgha piedi twil u ghalhekk kien itwal mill-persuni l-ohra li kienu mdawwrin mieghu u kien qieghed biss jitkellem u jiggestikola b'idejh. Fl-ebda hin ma ratu jitbaxxa u jigbor xi haga u setghet tisimghu jghidilhom biex jieqfu. Hija kienet certa li fl-ebda hin ma dahhal idu fil-but. Qalet li r-ragel li kien liebes beritta hamra u l-ferut kienu qed jargumentaw u kienu fl-idejn jimbuttaw lil xulxin u jitkellmu hazin fil-konfront ta' xulxin. Qalet li hi rat lir-ragel li kien liebes beritta hamra u lil ferut biss fl-idejn u l-ewwel darba li nnutat d-demm fuq il-ferut kien meta waqa mal-art. L-ohrajn kollha telqu jigri minbarra l-imputat. Qalet li lil

ohrajn qatt ma rathom wara l-incident. Ikkonfermat li l-imputat fl-ebda hin ma kellu xi haga f'idejh.

Illi **nhar il-hdax ta' Ottubru 2004 xehed l-Ispettur Jeffrey Cilia** [fol 61] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Awissu 2004 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu il-Pulizija ta' San Giljan kienu gew infurmati li kienet sehhet glieda fi Triq San Gorg, kantuniera ma Triq Ross, vicin l-Wembley Garage, bejn grupp ta' nies u li kien hemm persuna li kienet feruta f'nofs ta' triq. Qal li fuq il-post kien mar PS 1492 Joseph Pace fejn sab persuna mixhuta mal-art x'aktarx ta' nazzjonalita Gharbija li kellha ferita f'ghonqha bid-demm hiereg minnha. Fil-fatt issejjhet l-ambulanza li hadet lil din il-persuna l-isptar San Luqa. Qal li fuq il-post is-Surgent Joseph Pace kien tkellem ma Michelle Soltani li kienet qed iddewwi lil ferut. Hi kienet qalet lis-Surgent dak l-hin li hi kienet miexja fl-akwati fejn rat glieda bejn xi Gharab u li mbaghad rat lil ferut u waqfet taghtih l-ewwel ghajnuna. Hi kienet tatu informazzjoni li hi kienet tahdem ma Thompson Courier Services. Qal li dakinhar peress li kien ikopri bhala CID Duty Officer, hu kien gie nfurmat b'dan u ghalhekk filghodu mar l-istar biex jara minn kienet il-persuna feruta fejn irrizultalu li kien Esdin Muftih Swejjah ta' nazzjonalita Libjana. Qal li meta tkellem mieghu dan kien qallu li s-Sibt filghaxija kien mar Paceville u f'xi t-tlieta ta' filghodu kien sejjer lura lejn d-dar u hu u miexi fi Triq San Gorg, kif wasal qrib l-Wembley Garage ra glieda bejn xi nies ta' nazzjonalita Gharbija u mar jara x'kien qed jigri. Qallu li hemm ra lil imputat, li x-xhud gharaf presenti fl-awla, li kien qed jilletika ma Esdin Muftih Swejjah, li kien jghix fi Franza pero kien jinzel Malta. Ix-xhud zied jghid li l-ferut kien qallu li kien jaf lil ferut ukoll peress li kien ikun il-Havana. Qal li l-ferut kien qallu wkoll li kien hemm xi tlett Gharab ohra, wiehed daqsxejn qasir li kellu beritta hamra li kien mal-imputat, li rah jwaddab flixkun birra fid-direzzjoni ta' wiehed Gharbi li kien qieghed fil-grupp tieghu [tal-ferut]. Qal li qallu wkoll li x'hin ra hekk hu mar fuq dan li kellu l-beritta l-hamra, qabdu minn idejh u staqsieh ghalfejn kien qed jiggieled. Qal li hu kien qallu li hu kien dahal fl-glieda fis-sens li ma kienx jiehu pjacir li jisma li l-Gharab dejjem jaqilghu l-glied. Dan Esdin Muftih Swejjah qallu li r-ragel li kellu l-beritta hamra kien irrispondih biex

ma jindahalx u dak l-hin dar fuq l-imputat u qallu biex jwaqqaf lil siehbu milli jkompli jiggieled u f'dak il-hin l-imputat gholla idejh, tah daqqa f'ghonqu u hass xi haga shuna niezla ma ghonqu. Qal li Esdin Muftih Swejjah qallu wkoll li wara li kien mexa ftit passi, waqa mal-art u li kien gie mdawwar minn xi nies. Qal li Esdin Muftih Swejjah qallu wkoll li haseb li l-mobile tieghu u l-passaport kienu waqghulu u spiccaw mal-art u li ma kienx jaf fejn kienu u wara ddahhal l-isptar. Esdin Muftih Swejjah qallu kif setgha isib lil imputat peress li kien jaf li t-tfajla tieghu kienet tahdem bhala courier ma Thompson Services u wara li dan hareg mill-isptar kien hadlu stqarrija.

Qal li dak l-hin ftakar li s-Surgent li kien mar fuq il-post kien semmihlu li kien tkellem ma xi persuna ta' nazzjonalita Ingliza certa Michelle Soltani u ghalhekk ipprova jirrintraccjha biex ikellimha. Ix-xhud kompla jghid li meta tkellem ma Michelle Soltani rrizultalu li l-imputat kien l-gharus taghha u ghalhekk baghat ghalihom t-tnejn. Qal li hi kienet qaltlu li s-Sibt filghaxija sbieh il-Hadd, f'xi s-siegha u nofs ta' filghodu kienet irceviet telefonata minghand l-gharus taghha li kien Paceville jiehu drink ma xi hbieb u staqsiha biex tmur ghalih ghaliex ma tantx kien qed jhossu f'siktu biex twasslu d-dar peress li ma kellux cwievet. Qalet li hi kienet ma habiba taghha Helen, telqu minn fejn kienu, nizlu Triq Ross fejn il-parking area fejn sabet lil gharus taghha li qalilha li kien fil-kumpanija ta' certu Osama El Mahdi Banour u t-tfajla tieghu. Ix-xhud kompla jghid li waqt li kien qed ikellimha, din qaltlu, li maghhom kien hemm Gharbi iehor li kellu beritta hamra, daqsxejn qasir, li aktar tard rrizulta li kien jismu Ahmed. Maghhom kien hemm wkoll Gharbi iehor flimkien mat-tfajla u qaghdu jitkellmu ftit u wara ddecidew li jmorru l-Havana hi, l-imputat, l-habiba taghha Helen, Osama El Mahdi Banour u t-tfajla ta' dan. Qalet li kif bdew nezlin Triq Ross, fid-direzzjoni tal-Wembley Garage, il-habiba taghha Helen iddecidiet li tmur d-dar u ghalhekk marret twassalha sa hdejn il-Wembley Garage. Wara li rritornat lura biex tiltaqa mal-ohrajn, kompla jghid ix-xhud li Michelle Soltani qaltlu, hi rat lil gharus taghha jilletika ma xi Gharab ohra u f'hin minnhom rat lir-ragel tal-beritta hamra u lil Esdin Muftih Swejjah imqabbdin f'xulxin u

wiehed minn dawk li kien qed jitkellem mal-gharus taghha, jitlaq jigri. Wara rat lil vittma jinqata mill-grupp jixmi ftit u jaqa mal-art u marret tara x'kien gralu u rat li kellu d-demm u qaghdet tassistih peress li hija *qualified nurse*. Qaltlu wkoll li sa fejn kienet taf hi l-gharus taghha baqa fejn kien. Ix-xhud qal li meta staqsiha jekk kienetx qed tara lil gharus taghha l-hin kollu, din rrispondietu li ma setghetx tarah l-hin kollu. Michelle Soltani qaltlu wkoll li rat l-mobile tal-ferut jaqa mal-art u wara giet l-ambulanza li haditu l-isptar. Wara Osama El Mahdi Banour w t-tfajla tieghu, li kienu ghadhom fuq il-post ghenuha tahsel idejha mid-demm. Qal li Michelle Soltani qaltlu wkoll, li wara li dawn telqu minn fuq il-post, mar l-gharus taghha u flimkien telqu wkoll minn fuq il-post billi saqet hi. Mistoqsija min kien dak li kien harab minn fuq il-post Michelle Soltani kienet qaltlu li kien xi Libjan minn Benghasi li jghix Franza u li kien offendih dak l-hin. Meta staqsiha ghaliex kien offendih, Michelle Soltani kienet qaltlu li ma kienetx taf. Mistoqsija wkoll jekk kienx qalilha li kien tah daqqa ta' sikkina lil iehor, Michelle Soltani kienet qaltlu li ma kienx qalilha lanqas.

Ix-xhud zied jghid li hu kien baghat ghal Osama El Mahdi Banour li kien mat-tfajla tieghu flimkien mal-imputat, li kkonferma l-versjoni tal-girlfriend tieghu u tal-vittma li dakinhar filghaxija xi d-disgha ta' filghaxija kien cempel lil imputat u qallu biex johorgu jiehdu drink u ghalkemm hu ried imur Wied l-Ghajn hdejn il-bahar, l-imputat qallu biex jiltaqghu hdejn il-Wembley Garage. Osama El Mahdi Banour kien qallu wkoll li hu kien mar jiltaqa mal-imputat ghal habtwa tas-siegha neqsin kwart mat-tfajla tieghu Tania Xuereb. Qal li meta wasal hemmhekk sab lil imputat flimkien ma zewg Libjani ohra, wiehed minnhom qasir b'beritta hamra certu Ahmed, u l-iehor Libjan b'karnaggjon iswed li pero wara ftit telaq. Qal li hu, t-tfajla tieghu, l-imputat u dan Ahmed xtraw xi xorb minn hanut u telghu fil-parking area ta' fuq. Qal li wara l-imputat kien talbu l-mobile sabiex icempel lit-tfajla tieghu li waslet ftit wara ma habib taghha. Ix-xhud qal li prattikament dan Osama El Mahdi Banour ikkorrobora x-xhieda ta' l-ohrajn. Osama El Mahdi Banour kompla jghid ix-xhud, qallu li wara hu w it-tfajla tieghu, l-imputat w it-tfajla tieghu, Helen

u r-ragel tal-beritta hamra Ahmed ddecidew li jmorru l-Havana bil-mixi u fil-frattemp kien gie Libjan iehor mal-gharusa tieghu u kellhom xi jghidu u huma ppruvaw jferrquhom pero dawn wara telqu minn hemm. Osama El Mahdi Banour kompla jghid lix-xhud. li huma baqghu nezlin lejn l-Wembley Garage minn Triq Ross u kif waslu fil-kantuniera, raw xi erbgha Gharab telghin bil-mixi fid-direzzjoni tal-Wembley Garage lejn Paceville u wara li ghaddewhom, wiehed minnhom rega' lura ghal nofs t-triq, l-imputat inqala minn mal-grupp taghhom u mar hdejh u bdew jghajjtu xi ftit ma xulxin.  Ix-xhud kompla jghid li, Osama El Mahdi Banour qallu li ra lil dik il-persuna liebsa l-beritta hamra taqsam wkoll ghal nofs it-triq u f'hin minnhom rah jwaddab flixkun lil wiehed mill-ohrajn u f'hin minnhom ra lil imputat jgholli idejh u jghidilhom biex jitilquh u jimbutthom.  Ix-xhud qal wkoll li Osama El Mahdi Banour qallu li wara ftit ra lil wiehed minn dawn li l-imputat kellu quddiemu, u li beda jimbutthom, jimxi ftit u jaqa mal-art.  Qal li dak l-hin hu u Ahmed tal-beritta hamra telqu minn fuq il-post w imxew l'fuq fi Triq Ross filwaqt li t-tfajla tal-imputat marret tara x'kien gralu dak li kien waqa mal-art. Osama El Mahdi Banour qallu wkoll li hu kien mar jara xi gralu l-ferut u sabu kollu demm u baqa jittawwal hemm, pero wara ftit anke hu telaq minn fuq il-post.

Ix-xhud kompla jghid li tkellem wkoll ma Tania Xuereb t-tfajla ta' Osama El Mahdi Banour, li qalet li ma rat xejn ghaliex kienet aljenata u li meta jigri haga hekk ddawwar wiccha ghaliex tibza hafna.  Qalet li meta semghet l-istorbju dawwret wiccha u telqet minn fuq il-post.

Ix-xhud sussegwentement tkellem mal-imputat li gharaf presenti fl-awla u wara li tah s-solita twissija hadlu stqarrija fil-presenza ta' l-Ispettur Mario Spiteri bhala interpretu.  F'din l-istqarrija l-imputat kien ikkorrobora l-versjoni tal-ohrajn fis-sens li qal li veru hu kien miftihem ma Ahmed li kien liebes beritta l-hamra ma Osama El Mahdi Banour u t-tfajla tieghu w iltaqa maghhom. Ikkonferma wkoll li telghu jixorbu fil-parking area u li l-imputat cempel lit-tfajla tieghu li marret ghalih flimkien ma l-habiba taghha, ghaliex kien nesa c-cwievet.  L-imputat qallu wkoll li kienu gabu xi drinks ohra pero minn hemm 'l

quddiem l-imputat ma setgha jiftakar xejn aktar. Ix-xhud qal li l-imputat "*ma beda jiftakar xejn, xejn, xejn, complete amnesia minn dak l-punt 'l quddiem ma ftakar xejn*."

Ikkonfermalu li kien jaf lil Esam l-Gharbi li kien jghix fi Franza u meta staqsih meta kienet l-ahhar darba li kien rah, l-imputat kien irrispondih li kien rah l-ahhar l-Havana xi gimghatejn qabel. Meta staqsih jekk kienx rah s-Sibt, l-imputat ma ftakarx li kien rah. Mistoqsi jekk kienx jaf lil vittma Esdin Muftih Swejjah, qal li jafu ghaliex jarah Paceville u kien jsellimlu. Qal li fil-fatt kien laqqgha lil imputat u lil vittma Esdin Muftih Swejjah ma xulxin fl-ufficju biex ikun cert li kienu qed jitkellmu fuq l-istess persuna, pero l-imputat kien qal li ma kienx iltaqa mieghu s-Sibt ta' qabel. Mistoqsi jekk kien hu li tah daqqa ta' sikkina jew kienx ferih waqt xi glieda, l-imputat innega u zied jghid li sa fejn kien jaf hu ma kienx involut f'xi glied. Qallu li fil-fatt lanqas demm ma kellu fuqu u ma setghax jiftakar li ghamel dawk l-affarijiet. Qal li hu ma jgorrx imwies fuqu u ma jiggilidx. Mistoqsi jekk t-tfajla tieghu kienetx kellmitu dwar dak li kien inqala Paceville l-imputat kien qallu li kienet kellmitu xi haga dwar li kienet salvat l-hajja ta' persuna. L-imputat kien ikkonfermalu li Ahmed kien liebes beritta hamra. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument JC [fol 70]. Ix-xhud qal li pprova jsib xi xhieda ohra pero ma rnexxielux. Qal li meta ppruva jara xi video cameras li kien hemm fil-vicin, irrizultalu li dawn ma kienux jilhqu l-post fejn sehh l-incident. Qal li filghaxija kienet saret tfittxija ghal xi armi jew imwies fl-akwati pero m'instab xejn minn dan. Anke tfittxija fid-dar tal-imputat tat rizultat negattiv.

Mistoqsi in kontro ezami jekk ghamilx ricerka dwar l-persuna li kienet libsa l-beritta l-hamra, x-xhud wiegeb li mir-ricerki li ghamel ma rrizultawx minn kienet din il-persuna. Fil-fatt meta nghata xi numru cellulari tieghu mit-tfajla tal-imputat u hu beda jcempel fuqu, minn beda jirrispondi beda jaqta l-linja u ma jitkellimx. <u>Qal li meta tkellem mal-vittma l-ghada tal-incident l-istess vittma kien indikalu lil imputat bhala l-persuna li kien ferih</u>. L-vittma kien qallu li kien Osama li kellu tfajla Ingliza li tahdem ma

Thompson u d-deskrizzjoni li kien tah ta' din t-tfajla kienet taqbel ma dik ta' Michelle Soltani t-tfajla tal-imputat.

Illi **nhar il-hdax ta' Ottubru 2004 xehed Doctor Mario Scerri** [fol 74] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 76 et seq]. Qal li l-vittma Esdin Muftih Swejjah kellu zewg lezjonijiet fuq ghonqu, wahda fuq ix-xellug u l-ohra fuq l-lemin, t-tnejn kompatibbli ma *incised wound*. Il-feriti kienu aktar wesghin milli fondi u kienu f'parti tal-gisem li huwa *danger area*, vicin hafna tal-vini superficjali li jekk jinqabdu, jista jizvina. Fil-fatt wahda minn dawn il-vini giet *explored* mit-tobba ta' San Luqa, wahda minn dawn l-lezjonijiet giet *explored* b'hekk l-*incision* in kwistjoni kienet giet estiza u n-naha l-ohra kellu incizjoni ohra li ma kienetx giet *explored*. Il-posizzjoni taghha kienet perikoluza. Qal li l-arterja in kwistjoni m'intlaqtitx u kieku l-ferita kienet aktar fonda, l-arterja kienet tintlaqat u kienet tkun wahda fatali. Qal li l-incizjoni in kwistjoni sehhet permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta jista jkun hgiega, sikkina jew kwalsiasi oggett li ghandu *sharp edge*. Qal wkoll li l-incizjonijiet in kwistjoni jistghu jhallu marka, pero dawn huma dejjem fl-ghonq u mhux fil-wicc u probabbilment jibqghu jidrhu minn *talking distance*.

Illi **nhar il-hdax ta' Ottubru 2004 xehed PS 171 Karl Glanville** [fol 88] u ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument SOCO [fol 90]. Flimkien ma din r-relazzjoni ppresenta hdax il-ritratt bil-kulur li gew mmarkati bhala dokument SOCO 1.

Illi **nhar t-tmienja ta' Novembru 2004 xehed PS 46 Charlo Casha** [fol 118] fejn ikkonferma li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta in dezamina u kkonferma r-relazzjoni tieghu esibita bhala dokument SOCO [fol 90].

Illi **nhar t-tmienja ta' Novembru 2004 xehed PC 1416 Peter Paul Attard** [fol 119] ghan-nom w in rappresentanza tal-Ufficju tal-Weapons. Qal li minn ricerka li hu ghamel f'isem l-imputat Osama Mabrouk Jallala detentur ta' passaport Libjan numru 178164 ma rrizultax li l-imputat ghandu licenzja sabiex igorr strument

li jaqta u bil-ponta jew li huwa nghata tali permess mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi **nhar il-hamsa ta' Jannar 2005 xehed il-Perit Richard Aquilina** [fol 132] u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument RA.

Illi **nhar is-sittax ta' Marzu 2005 xehed l-Ispettur Mario Spiteri** [fol 146] fejn wara li gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata bhala dokument JC a fol 7 tal-atti, ikkonferma li din ittiehed fil-presenza tieghu fil-lingwa Ingliza u li sehmu kien wiehed lingwistiku peress li hu jifhem u jitkellem l-lingwa Gharbija.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jiddependi fuq kredibilita ta' xhieda ghaliex il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet ta' x'wassal ghal incident in dezamina.  Filwaqt li l-Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ta daqqa u fera  lil Esdin Muftih Swejjah, d-Difiza qed ssostni li ma kienx hu, izda bniedem ta' nazzjonalita Gharbija, li telaq jigri minn fuq il-post wara li sehh l-incident.

Illi minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat ftit wara li sehh l-incident jirrizulta li ma hemmx dubbju li huwa kien presenti waqt l-incident u fil-fatt spjega pjuttost f'dettal x'gara sa proprju qabel m'inbeda l-incident.  Ikkonferma wkoll li mieghu dakinhar kien hemm l-gharusa tieghu Michelle Soltani, certu Ahmed u Osama.  Dwar l-incident per se, l-imputat ma jghid xejn u meta gie mistoqsi jekk jafx lil Esam certu Libjan li joqghod Franza, wiegeb fl-affermattiv, ghalkemm qal li kien lu ma jarah ghal xi gimghatejn.  Meta gie muri l-persuna ta' Esdin Muftih Swejjah, ikkonferma li kien jafu ghalkemm cahad li kien iltaqa mieghu s-Sibt ta' qabel fil-jum meta sehh l-incident.

Mistoqsi b'mod kategoriku, jekk tax daqqa fuq ghonq Esdin Mutfih Swejjah s-Sibt ta' qabel, l-imputat wiegeb b'mod car u enfatiku li ma kienx involut f'ebda glieda s-Sibt ta' qabel, dmijja fuq hwejjgu ma kellux, grif fuq gismu lanqas u ma jgorrx skieken.

Mistoqsi jekk jiftakarx li kellu argument maghhom ghall-inqas, l-imputat wiegeb li ma jiftakarx.  Mistoqsi ghaliex wiegeb f'dan il-mod, fis-sens li jghid li argumenti ma Esdin Muftih Swejjah ma kellux meta fil-fatt ma kien qed jiftakar xejn, l-imputat wiegeb li qal hekk ghaliex skieken fuq il-persuna tieghu ma jzommx.

Ikkunsidrat

Din il-Qorti tirrieva li ma kienetx hi li semghet ix-xhieda tal-vittma Esdin Muftih Swejjah u ta’ Osama El Mahdi Banour fil-presentata u dan l-kaz gie ghandha biss wara li dawn l-istess xhieda importanti taw ix-xhieda taghhom u ghalhekk ma kienetx f’posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita u veracita tax-xhieda taghhom.  Hu f’dan is-sens ghalhekk li din il-Qorti kif preseduta ma hiex f’posizzjoni favorevoli li ezami sewwa u birr-reqqa tal-provi kollha imressqa quddiemha.  Din il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex taghmel l-ezercizzju taghha skond l-ligi billi ghamlet l-apprezzamen taghha tal-kumplament tal-provi kif migbura u traskritti fl-atti u dan sabiex tara jekk dak li qalu x-xhieda ghandux mis-sewwa u tammonta ghal dik il-prova rikjesta ghas-sejba ta’ htija.

Din il-Qorti pero nonostante dak li ntqal aktar ‘l fuq, sejra tiehu in konsiderazzjoni l-provi u cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom u mhux b’mod individwali u spezzatata u l-konkluzzjonijiet u decizjoni li ser tasal ghaliha l-Qorti, ser tigi milhuqa wara li din l-istess Qorti ser tikkonsidra l-fatti u cirkostanzi kollha relevanti ghal kaz, u huwa biss wara li tkun ghamlet hekk u wara li tkun esponiet l-ligi rigwardanti, jekk ikun il-kaz, li l-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonkludi in bazi t’apprezzament tal-fatti u provi maghmula b’mod komplut u shih.

Il-vittma Esdin Muftih Swejjah jghid li kien l-imputat li kkagunalu l-feriti li ddeskriva Doctor Mario Scerri fix-xhieda tieghu billi ex admissis jghid “*ghamel mossa lejn ghonqi w ghamilli l-ferita li ghandi f’ghonqi…*’ pero fl-istess hin, ex admissis jghid li ‘*ma rajtlu ebda sikkina jew mus f’idejh lil imputat…*’ – ikompli jghid li ‘*l-imputat <u>biss</u> messni*

*lili minn dawk in-nies kollha li kien hemm, messni f'ghonqi fejn ghandi l-ferita…*'

Il-vittma jelabora u jghid '*Osama twil hafna u x'hin ghamel idejh fid-direzzjoni tieghi, ghamilhom fid-direzzjoni ta' ghonqi. Hu ghandu idejh kbar pero jien ma haristx lejn idejh…*'

Osama El Mahdi Banour li kien fil-vicinanzi tal-vittma jghid li ra lil pesuna liebsa beritta hamra titfa flixkun u titlaq tigri 'l hemm. Ra lil vittma jaqa mal-art waqt li kien qed jitkellem mal-imputat. Ikkonferma li l-imputat beda imiss dan r-ragel [lil vittma] u jghidlu 'hallini, hallini' qabel ma dan l-istess ragel waqa mal-art. Ikkonferma wkoll pero li f'idejh ma ralu xejn.

Michelle Soltani tikkonferma li l-imputat hu gharus taghha u kien qed jitkellem mal-vittma. Ratu jiggestikola b'idejh pero ma ratu jaghmel xejn fil-konfront tal-vittma. Rat wkoll lil vittma bil-wieqfa ma gemb l-imputat.

Fid-dawl ta' din x-xhieda, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha x-xhieda ta' Doctor Mario Scerri u appuntu ghal dik il-parti fejn jghid li l-feriti li ssubixxa l-vittma Esdin Muftih Swejjah, kienu tnejn, t-tnejn kompatibbli m'*an incised wound* kagjonati permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta. Spjega li setghet kienet hgiega, sikkina jew kwalsiasi oggetti li ghandu *sharp edge*.

Illi ghalhekk in vista ta' din x-xhieda din il-Qorti ma tistax tghid b'certezza morali li kien l-imputat li fera lil vittma Esdin Muftih Swejjah ghaliex hadd ma ra lil imputat b'xi strument li jaqta u bil-ponta f'idejh. Ix-xhieda li xehdu kollha ghamlu referenza ghal flixkun li gie miksur u miftugh minn wiehed mill-irgiel ta' nazzjonalita Gharbija u hadd mix-xhieda ma setgha jghid f'liema direzzjoni mar il-flixkun miksur. In oltre, appena l-persuna tefghet il-flixkun, l-vittma ghamel tlett passi, waqa mal-art u l-persuna telqet tigri.

F’dan ic-cirkostanzi ghalhekk l-Qorti hija rinfaccjata b’dubbju jekk l-imputat ghandux jinzamm responsabbli ghal dan l-incident.

Illi ghalhekk fid-dawl ta'dak li rrizulta f'dan il-process, **il-Qorti** ma thossx li l-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi sabiex din il-Qorti thossha konvinta mill-htija tal-imputat, w ghalhekk, **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat OSAMA MABROUK JALLALA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------